MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta ta' l-10 ta' Marzu, 2004

Appell Civili Numru. 625/2002/1

**Mary Doris Veneziani, Alfreda Farrugia, Mary Grace Grima u Josephine Camilleri ahwa Borg**

**vs**

**Emanuel Farrugia, Grace Axiaq, Michelina Farrugia, Mario Farrugia, Alfred Farrugia, Mary Grace Lia, Christopher Casalletto, Carmen Grech, Rita Busuttil, Antonio Farrugia, Joseph Farrugia, John Farrugia u Paul Farrugia**

**Il-Qorti,**

Il-konvenuti permezz tal-appell odjern qed jikkontendu illi huma hassewhom aggravati bid-digriet moghti mill-Qorti Inferjuri fl-24 ta' Marzu 2003 li permezz tieghu ipprefiggitilhom terminu ta' xahar sabiex jiddeducu kawza fil-Qorti ta' gurisdizzjoni superjuri ghal kanonizazzjoni tat-titolu taghhom. Huma jsostnu illi l-ewwel Qorti kellha

tiddeciedi l-ewwel zewg eccezzjonijiet taghhom bazati fuq it-titolu ta’ proprjeta` vantata minnhom dwar l-ghalqa ‘de quo’ u allura wkoll l-inkompetenza sollevata minnhom fit-termini ta’ l-Artikolu 47 (3) tal-Kap 12. Jippretendu illi gjaladarba huma l-atturi li qeghdin jivvantaw jedd ta’ proprjeta` fuq l-ghalqa posseduta minnhom allura kienu dawn li kellhom jintavolaw l-azzjoni ‘rei vendicatoria’ u mhux jigu huma ordnati jaghmlu kawza dwar proprjeta` li diga tinsab fil-pussess taghhom.

Bir-rispett kollu din il-Qorti ma taqbel xejn ma’ dawn il-gravami sottomessi mill-appellanti u, anzi, hi tal-opinjoni illi l-ordinament tal-Qorti ta’ Isfel hu sew dirett. Dan anke ghaliex huwa car li l-kwestjoni nvoluta fil-kawza esperita quddiem dik il-qorti hija tali li d-decizjoni taghha tista’ tinfluwixxi “a plante pedis” fuq il-meritu ta’ dik il-kawza.

Gja minn zmien sekolari kien accettat illi r-rimedju bhal dak propost mill-ewwel Qorti kien rizervat lilha b’dik id-diskrezzjoni “che il giudice crede proprio ordinare per la giusta definizione della causa da essere da lui decisa e che egli, secondo le circostanze speciali dei casi, e` autorizzato di applicare nell’esercizio dei suoi poteri discrezionali relativi ai procedimenti ordinatori del giudizio” (“**Fortunata Rizzo –vs- L-Onor. Emmanuele Scicluna et**”, Appell Civili, 23 ta’ Gunju 1869 a **Vol V pagna 156**).

Fil-kaz in ezami l-atturi qeghdin jippretendu illi l-konvenuti qeghdin jokkupaw ghalqa proprjeta` taghhom minghajr ebda titolu validu fil-ligi. Kontra din il-pretensjoni l-konvenuti appellanti jsostnu b’difiza illi huma ghandhom titolu fuq din l-ghalqa bis-sahha ta’ l-uzukapjun ossija l-akkwist preskrittiv trigenarju fondata fuq il-pussess u dawk il-karattri l-ohra preskritti fl-Artikolu 2107 (1) tal-Kodici Civili li jsostnu l-kwalita` tal-pussess “animo domini”.

Huwa car minn natura stess tal-eccezzjonijiet illi dawn jinfluwixxu sostanzjalment fuq l-ezitu tal-kawza. Huwa wkoll daqstant iehor car illi in vista ta’ dak li jinghad fl-Artikolu 47 (3) tal-Kap 12 l-Qorti inferjuri adita ma tistax tokkupa ruhha mill-eccezzjoni akkampata fuq drittijiet reali u ghalhekk minhabba l-istess natura guridika tal-

eccezzjoni din ma tkunx tista' konvenjentement tigi ezaminata u deciza hlief permezz ta' kawza ohra separata. Huwa immaterjali ghal dan l-iskop jekk l-atturi kienux jafu, o meno, bid-dritt vantat mill-appellanti u allura x'azzjoni kien messhom ipproponew. Dak li jghodd hu x-xorta ta' kawza propulsa mill-atturi u l-kontenut tal-eccezzjoni ghaliha.

Kif drabi ohra gie osservat, "huwa kompitu tal-Qorti li fil-kawza tiehu konjizzjoni tal-eccezzjonijiet u tal-kontro-eccezzjonijiet kollha li jigu moghtija in konnessjoni mal-meritu li tkun qeghda tezamina u tirrizerva biss ghal gudizzju iehor gdid li jkollu jigi propost apposta, u ghalhekk tissoprassjedi, meta l-kwestjoni mqajma bl-eccezzjoni jew kontro-eccezzjoni ma tkunx sollevabbli "ope exceptionis", <u>jew ma tkunx tal-kompetenza taghha</u> (sottolinejar tal-Qorti), inkella, kif intqal, fl-interess gravi tal-gustizzja jkun jaqbel li jsir hekk" – "**Giovanna Cardona –vs- Carmelo Pisani**", Appell Civili, 4 ta' Novembru 1957 a **Vol XLI pI p507**.

Gja f'sentenza aktar ricenti, fejn ukoll gie eccepit titolu ta' proprjeta` in forza tal-preskrizzjoni akkwizittiva, u dan b'kontropposizzjoni ghal dak ukoll ta' proprjeta` pretiz mill-atturi, ntqal illi "hu ovvju illi l-kwestjoni tal-proprjeta` ma tistax tigi ventilata u deciza "ope exceptionis" u tista' tigi determinata biss b'azzjoni ad hoc <u>tentata minn min ikun qed jallega l-akkwist tat-titolu</u> (sottolinejar ta' dik il-Qorti). Azzjoni li naturalment tezorbita mill-kompetenza tal-Qrati Inferjuri u ghandha allura tigi promossa quddiem il-Qorti Superjuri, jekk il-konvenuta ghandha tali interess. Azzjoni li l-ezitu taghha jkun direttament jinfluwixxi fuq il-meritu tal-prezenti istanza, imma li mhux b'daqshekk jirrrendi nkompetenti lill-ewwel Qorti milli tiehu konjizzjoni tat-talba fl-avviz, li fit-termini limitati taghha ndubbjament taqa' fil-kompetenza taghha" – "**Emanuel Lawrence Vella noe vs- Bernardina D'Amato**", Appell, Sede Inferjuri, 28 ta' Ottubru 1994.

Tajjeb li jigi sottolinejat ukoll illi bil-provvediment procedurali moghti minnha l-ewwel Qorti la ddeterminat bhala ammesa jew michuda l-meritu tad-domanda u hekk

ukoll lanqas l-eccezzjonijiet. Il-pretensjoni tal-appellanti li dik il-Qorti kellha tiddeciedi l-eccezzjonijiet taghhom, senjatament dawk dwar l-inkompetenza, ma tidherx, fid-dawl ta' dak kollu premess, li hi gustifikata guridikament. Il-kontestazzjoni dwar il-proprjeta` giet sollevata minnhom u kwindi sta ghalihom li jipprovaw dan l-istess titolu taghhom b'azzjoni appozita quddiem il-Qorti idonea. Sakemm jaghmlu dan il-pass u procedura l-kompetenza tal-Qrati ta' l-ewwel grad tibqa' mpregudikata.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tirrespingi l-appell interpost u b'hekk tikkonferma l-provvediment moghti. Konsegwentement qed tirrinvija lura l-process lill-ewwel Qorti biex dan jiehu l-kors tieghu.

L-ispejjez ta' din l-istanza jibqghu a karigu tal-konvenuti appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------